# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' April 2018**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Guramentat Numru : 760/2017/LSO**

**"AB" (Kl X1) u martu "AC" (Kl X2) f'isimihom proprju u bhala kuraturi ad litem ta' binhom minuri**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' "AB" (Kl X1) u martu "AC" (Kl X2) datat 18 ta' Awwissu 2017 fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu "AB" (Kl X1) iddikjara u kkonferma:

Illi r-rikorrenti huma mizzewgin u nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju twildilhom tarbija u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat bhala Dok A.

Illi t-tarbija hija ta' sess maskili u dan kif jidher min-nota tat-tabib Anthony Falzon Numru ta' Registrazzjoni 2427, datata 14 ta' Awwissu 2017, annessa u mmarkata bhala Dok B.

Illi r-rikorrenti ddecidew li jsemmu lill-minuri "AA1".

Illi sfortunatament meta r-rikorrenti imlew il-formola ossia d-dikjarazzjoni li jaghtu l-isptar, bi zvista u/jew ghax il-kitba ma kinetx leggera, gara li l-isem tal-minuri gie jinqara "AA" minflok "AA1" u l-ufficjal tar-Registru Pubbliku nizzel id-dettalji ossia l-isem tat-tarbija bhala 'AA'.

Illi sussegwentament l-istess ufficjal tar-Registru Pubbliku irregistra s-sess tat-tarbija bhala feminili minflok maskili u dan minkejja li fuq il-formola li ssottomettew ir-rikorrenti kien hemm miktub b'mod car li t-tarbija hija ta' sess maskili. Illi prezumibbilment dan l-izball sehh b'nuqqas ta' attenzjoni jew bi traskuragni min-naha tal-ufficjal tar-Registru Pubbliku peress li assuma' li t-tarbija hija ta' sess femminili peress li l-isem moghti lilha kien ta' "AA". Illi jekk dan kien il-kaz, din mhijiex skuza peress li huwa fatt

maghruf li hawn diversi ismijiet li huma komuni ghaz-zewg sessi bhal per ezempju 'Alexis', 'Andy', 'Ashley' u ohrajn, b'dan li l-ufficjal tar-Registru Pubbliku kellu f' kull kaz jiccekja sewwa x'inhu s-sess tat-tarbija.

Illi meta r-rikorrenti indunaw b'dawn l-izbalji huma ppruvaw jitolbu lir-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji, biss l-istess Dipartiment stqarr li kellha ssir talba lill-Qorti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha:

1. Tiddikjara zball fl-isem ta' “AA” fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku b'dan li l-isem ghandu jkun “AA1” ;

2. Tiddikjara zball fis-sess tal-minuri “AA” fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku b'dan li s-sess ghandu jkun 'male';

3. Thassar u tirrevoka l-isem “AA”u s-sess 'female' fuq ic-certifikat tat-twelid li jinsab fir-Registru Pubbliku;

4. Tiddikjara illi l-isem tal-minuri huwa “AA1” u li s-sess tal-minuri huwa 'male' u tali tibdil ghandu jigi riflett fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri li jinsab fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

5. Tawtorizza lill-esponenti sabiex jirregistraw fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 12 ta’ Settembru 2017 (fol 18) fejn Dr Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjarat u kkonfermat:-

1. Illi subordinatament u bla hsara ghal premess, ghandu jinghad li *ai termini* tal-**Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigh tal-kawza fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas hmistax-il gurnata qabel tali smigh;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti hija tal-umli fehma illi ghall-integrita' tal-gudizzju ghandu jigi kjamat in kawza iben ir-rikorrenti u cioe', AA1 u dan *stante* li l-korrezzjoni li qed tintalab mir-rikorrenti hija wahda li ghandha tkun riflessa fl-Att tat-Twelid tal-minuri stess;

3. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost u fil-mertu, l-esponenti tirrileva li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti tissottometti illi fil-proceduri istanti fir-rigward tal-korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tal-minuri "AA1", anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-esponenti hija tal-umli fehma illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fil-kaz *de quo* u dan kif ser jigi spjegat ahjar fil-paragrafi segwenti;

5. Illi primarjament hekk kif jidher *mid-Declaration for Notification of Birth Form,* hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. DRP 2', omm il-minuri kienet iddikjarat illi isem il-minuri ghandu jkun "AA", filwaqt illi kienet iddikjarat illi l-wild taghha kien tas-sess maskili. Minkejja dan, f' kaz illi bi zvista l-konvenut fl-Att tat-Twelid stess nizzel illi l-wild tar-rikorrenti huwa tas-sess femminili u li l-isem moghti lill-istess tarbija huwa dak ta' "AA", l-esponenti tissottolinea illi d-dikjaranta tal-informazzjoni misjuba fuq l-istess Att tat-Twelid, kienet proprju omm il-minuri u cioe' "AC". Fil-fatt, wara li kienet iddikjarat l-informazzjoni kollha misjuba fl- Att tat-Twelid tal-minuri, hija kienet ukoll ikkonfermat tali informazzjoni billi ffirmat l-Att in kwistjoni. Ir-rikorrenti kellha kull cans illi tevalwa l-informazzjoni li giet inserita fl-Att in kwistjoni sabiex tivverifika jekk din hijiex korretta jew le. Ghaldaqstant, galadarba "AC" bhala d-dikjaranta fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, accettat l-informazzjoni inserita fl-Att u kkonfermat illi tali informazzjoni kienet wahda korretta permezz tal-firma taghha, dan kollu ma jirrizultax illi b'hekk kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

6. Illi ghalaqstant, fil-mertu l-esponenti ma ssib l-ebda oggezzjoni ghat-talba kif dedotta mir-rikorrenti, u ghaldaqstant tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

7. Illi bla pregudizzju ghal fuq espost, l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponenti u kwindi hija m'ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-atturi li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 27 ta’ Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul ghad-Direttur Intimat. Il-Qorti halliet l-kawza ghall-ahhar darba ghall-gheluq tal-provi tar-rikorrenti u sabiex l-intimat jirregola ruhu ghas-17 ta’ April 2018 fid-9:30a.m. Aktar tard regghet issejhet il-kawza u dehru d-difensuri tal-partijiet, u Dr Martha Mifsud li ddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri.

Dr Ellul iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar. Dr Mifsud talbet li ma jigux ippubblikati l-ismijiet f’ din il-kawza. Dr Ellul ma opponietx. Il-kawza giet differita ghas-26 ta’ April 2018 fid-9:30 a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** saret debitament fil-21 ta' Awwissu 2017 (fol 12) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Referibbilment ghat-tieni eccezzjoni tal-intimat, din hija wkoll sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju, kif awtorizzata b'digriet datat 9 ta' Novembru 2017, u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-att tat-twelid ta' binhom minuri, jigi korrett billi gie imnizzel bi zball fil-forma femminili tieghu minnflok maskili u fil-fatt hemm zball ukoll fejn hemm imizzel is-sess tat-tarbija li jrid ikun "male" u mhux "female."

Illi r-rikorrenti esebew Dok B mar-rikors promotur, nota tat-tabib li jindika li binhom minuri huwa ta' sess maskili.

Inoltre` rat ix-xhiedha tal-genituri li kkonfermaw li t-tarbija li kellhom kien tifel. Ir-rikorrenti omm spjegat li meta marret biex tirregistra isem it-tarbija, hadet il-formola li tatha l-

*midwife* b'isem it-tarbija, ghaddiet din il-karta lill-ufficjal tar-Registru Pubbliku u telqet. Qalet li meta marret biex timla l-formola jista' jkun li bil-fixla kitbet l-isem kif imnizzel minnflok l-isem korrett pero` s-sess tat-tarbija kien zgur "male" fil-karta tal-isptar.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Illi din il-Qorti hija soddisfatta li sar l-izball kif spjegat mir-rikorrenti fix-xhieda taghhom u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi biex takkolji t-talbiet tar-rikorrenti.

Izda, dwar il-kap tal-ispejjez, ma giex ippruvat li l-izball sar da parti tal-ufficjal tar-Registru Pubbliku.Ghalhekk, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u filwaqt li tiddikjara li sar zball fic-certifikat tat-twelid tal-minuri (Dok AA) u kif deskritt fir-rikors promotur, tordna li ssir korrezzjoni fl-isem u fis-sess tal-minuri b'dan li s-sess ghandu jkun 'male' u l-isem ghandu jkun *AA1,* minnflok is-sess u l-isem indikat presentement, liema korrezzjonijiet ghandhom jigu riflessi fic-certifikat tat-twelid imsemmi kull fejn hu mehtieg.

Tawtorizza lir-rikorrenti jirregistraw din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.

Tordna wkoll li kopja ta’ din id-decizjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti tigi notifikata *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kodici Civili** sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

*Stante* c-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti qed tivvjeta l-pubblikazzjoni tal-isem tar-rikorrenti *proprio et nomine* anke fuq is-sistema ta' pubblikazzjoni tas-sentenzi tal-Qrati Gudizzjarji.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta’ April 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta’ April 2018**